II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1048/2011

### tal-20 ta' Ottubru 2011

### li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1763/2004 li jimponi ċerti miżuri restrittivi biex isostnu l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/603/PESK tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar aktar miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY) ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1763/2004 ([2]) jimplimenta d-Deċiżjoni 2010/603/PESK billi jiffriża l-assi ta' ċerti individwi, b'sostenn għall-mandat tal-ICTY.

(2) Id-Deċiżjoni 2010/603/PESK skadiet fl-10 ta' Ottubru 2011.

(3) Ikun għalhekk xieraq li r-Regolament (KE) Nru 1763/2004 jitħassar b'effett immedjat.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1763/2004 huwa b'dan imħassar.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ottubru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. SAWICKI

([1]) ĠU L 265, 8.10.2010, p. 15.

([2]) ĠU L 315, 14.10.2004, p. 14.